# "IR-RUĦ FIL-KELMA"

ta'

OLIVER FRIGGIERI

STUDJU TA'
ĠUŻE' GALEA

DAN hu studju profond u motivat dwar ir-ruħ, il-qalb u l-bixra tal-letteratura kif jitnisslu mill-persunalità tal-kittieba. Fid-daħla għall-ktieb Oliver Friggieri jfisser il-fehma tiegħu dwar il-kriterji li għandhom iwasslu għal kritika ġusta u meqjusa li tagħti ħjiel mhux biss tal-valuri artistiċi, iżda wkoll tas-sentimenti spiritwali ta' l-artsit, anzi l-element spiritwali għandu jieħu l-ewwel post għax "l-għana spiritwali jittraxxendi l-forum u s-seħer tal-materja".

Iżda l-ispiritwalità weħidha mhix biżżejjed biex toħloq ġmiel u sedqa letterarja. Il-kittieb, biex jirnexxi, jeħtieġlu jġarrab u jistħarreġ dak kollu li taf trodd il-ħajja għax l-esperjenza tnebbħu kif ifisser ix-xenqat u t-tqanqil li jaħkmu fuq in-nisel uman. Fi ftit kliem, biex wieħed ikun jista' jagħmel apprezzament serju tal-ħajja, jeħtieġ ikollu esperjenza tagħha.

Il-letteratura, bħal ġeneri artistiċi oħra, fiha nnifisha aktarx hi s-sublimazzjoni ta' l-esperjenza. Mingħajr esperjenza, il-kittieb jista' jfassal qari sabiħ iżda mhux xogħlijiet letterarji li jqanqlu l-qalb u jixegħlu l-moħħ.

L-awtur intebaħ sewwa bil-problema li jiltaqa' magħha l-kritiku sinċier u għaraf ifisser tajjeb il-fili li għandu jiġbed biex isolvih: il-kritiku jsib ruħu quddiem tliet entitajiet: dik ta' kittieb, dik tal-pubbliku li jaqra u dik tiegħu nnifsu, u biex ikun ġust, irid ilaqqa' l-motivi ta' dawn it-tlieta billi jara l-persunalitajiet tagħhom kif jikkombinaw u jikkonċertaw bejniethom. Il-fehma tiegħu għandha tkun li jara jekk minn dak il-kunċert trinomju toħroġx armonija jew le.

Id-daħla ta' Oliver Friggieri fiha nnifisha tħaddan teżi maħsuba bid-dehen u mirquma bil-għaqal; biċċa xogħol li weħidha biss tisfa bħala kontribuzzjoni mill-aktar importanti li qatt inkitbu f'ilsienna. L-awtur jagħfas fuq l-astratt u r-riflessiv, imma b'daqshekk ma jwarrabx l-element loġiku għax din id-daħla ma hix miktuba għall-qarrej ordinarju, iżda għall-qarrej intellettwali li jixtieq jeżerċita l-intelliġenza u ma jbarrix l-argumenti u l-ispekulazzjonijiet.

Wara d-daħla, Friggieri jgħaddi għall-kritika ta' wħud mill-poeti u prożaturi u jibda mill-poeta nazzjonali. Dun Karm għadu ma sabx il-

prospettiva li tisthoqqlu fil-kumpless tal-lirika Maltija. Sa ftit żmien ilu l-poeżija Maltija kienet taħt l-influss ta' eżuberanza mqanqla minn tradizzjonaliżmu u nazzjonaliżmu. F'dawn l-aħħar snin biss rajna l-ħsieb u l-espressjoni jmilu lejn naħiet mifrudin minn xulxin, maqtugħin mill-bixriet qodma u jwasslu għall-kunċetti moderni.

L-awtur f'Dun Karm jilmaħ rażna fl-istint, kif ukoll fl-espressjoni, u r-rażna hi tant qawwija li kultant tinħass bħala limitazzjoni fl-iżlanċ liriku. Madankollu Dun Karm kellu x-xorti li jfiġġ fix-xefaq letterarju fil-ħin u l-waqt meta rajna d-dawl ta' jum il-ħelsien u meta kien hemm bżonn li xi ħadd jipprietka l-avvent mistenni u jxandru b'kelma safja, mirquma, Maltija li sservi bħala rahan ta' fidwa.

Dun Karm kien il-leħen mixgħul bil-ħrara, imma l-awtur jagħmel analiżi fina ħafna tal-konflitti ġewwiena li semmgħu dak il-leħen. Hawn iqumu d-diffikultajiet li wieħed jitlaqa' magħhom meta jisthar-reġ l-"ego" dunkarmjan, jew il-kumpless fiżiku, spiritwali, filosofiku, reliġjuż li kien jissatura l-persunalità tal-poeta qassis.

Dawn it-tensjonijiet xi drabi konfliġġenti ma setgħux ma jħallux l-effett tagħhom fil-kitba ta' Dun Karm, u minn hawn ġejjin l-opinjoni-jiet diversi li nħolqu dwaru. L-awtur jagħmel kritika raġunata u penet-ranti ħafna dwar ħafna mill-aspetti ta' kritika li nkitbet fuqu.

F'Ninu Cremona ma nitfixklux fil-taħbil introvert għax hu kien dak li l-Ingliżi jsejħu "good mixer". Hu qatt ma nfatam mis-seħer folk-loristiku, tradizzjonali u leġġendarju. Dan jidher, kif ifisser Friggieri, fl-essays, fin-novelli u fid-dramm. Iżda Cremona jisthoqqlu tifħira għall-manjera li biha fisser x'inhi l-essenza tal-Malti u qered darba għal dejjem il-preġudizzju tal-Malti Safi.

Briffa, "l-aktar poeta suġġestiv u introvert tal-letteratura Maltija", għex u kiteb taħt l-influwenza ta' emozzjoni mistika li xxenxlet ma' ġrajjet ħajtu. Is-sentiment mistiku ħafna drabi jesprimi ruħu f'mumenti ta' niket jew ta nostalġija, u l-awtur jagħmel analiżi fina u komparata ta' l-ewwel poeżija u ta' l-aħħar waħda biex juri u jipprova s-sentimenti emotivi u t-tensjonijiet "li baqgħu jħeddu lill-poeta sa l-aħħar."

F'kuntrast insibu lil Ġorġ Zammit poeta mqanqal mir-romanti-ċiżmu. L-awtur jidhirlu li l-lirika ta' Zammit hi ispirata mill-ħolqien hu kif inhu, u hi ħielsa mill-aljenazzjoni ta' preokkupazzjonijiet spe-kulativi. Għalih il-qofol hi l-ħolqa eterna li torbot id-dinja barranija jew in-natura, mad-dinja ġewwenija jew spiritwali.

Friggieri jinqeda bir-rumanz "Taħt Tliet Saltniet" biex jislet ap-

prezzament fuq Ġużè Aquilina. Skond l-awtur, Aquilina hu mqanqal minn motiv ta riforma, mhux riforma distruttiva iżda oħra msejsa fuq it-tagħlim tal-Vanġelu. L-awtur ifisser kif "ir-riforma ta' Aquilna hi mibnija fuq bdil tal-fehmiet u mhux fuq il-vjolenza u l-aggressjoni li jbellgħu l-bidla mingħajr ma jibnu kollox fuq bidla spiritwali'," u hawn wieħed jintebaħ b'ċerta affinità bejn il-prinċipji ta' Aquilina ma' dawk li sostna dejjem Gandhi, il-mexxej Indjan.

Din is-sejħa umanitarja ta' Aquilina ma tinstemax biss fir-rumanz li kkummenta dwaru l-awtur, iżda f'dan il-ktieb tidher aktar fiċ-ċar, u forsi wkoll aktar attraenti billi hi mżewqa bir-"rifuġju fl-imgħoddi storiku".

Dwar Anton Buttigieg l-awtur jikteb: "In-natura hi l-fidi ta' Buttigieg" u jsaħħaħ il-fehma tiegħu billi jagħmel riflessjonijiet dwar il-persunalità, l-esperjenza u l-eżistenza tal-poeta. In-natura tant għandha ġibda sħiħa fuq il-poeta li għamlitu biċċa minnha hekk li hu jħoss ruħu bħala sehem organiku f'dak il-kumpless tal-għaġeb li hi n-natura, difatti fil-versi tiegħu wieħed jistħajjel il-bixra ta' ħlewwa serafika Franġiskana.

Il-volum fih ukoll studji oħrajn dwar Francis Ebejer u awturi oħra ta' żmienna bħal Frans Sammut u Oreste Calleja.

Il-kelma hi don sabiħ li jagħni lill-bniedem u jagħżlu mill-annimali. Il-kelma hi l-espressjoni tad-dehen, l-aqwa u l-ogħla fakultà tal-bniedem. Saru ħafna studji fuq il-kelma miktuba, minn ikkonsidra l-ġmiel tagħha, min il-qawwa, min is-seħer. Oliver Friggieri f'dan il-ktieb tiegħu jistħarreġ ir-ruħ li tinsab fil-kelma miktuba bil-Malti u skopra mhux biss sedqa, sebħ u seħer imma wkoll għerf, ġenju u talent.

Oliver Friggieri mhux l-awtur li jixxiegħel fis-superfiċjalità u jintilef wara x-xejn, imma huwa l-istudjuż li jistħarreġ id-dimensjonijiet tas-suġġett u jifli b'mod loġiku l-kunċett ewlieni tal-kwistjoni li taqa' fi ħsiebu. Hu ma jissodisfax ruħu bil-qisien materjali, imma jinsisti li jsib il-valuri spiritwali jew jagħraf l-ispekulazzjonijiet filosofiċi li ma jonqsu qatt fix-xogħlijiet ta' siwi letterarju.

Minn dan il-ktieb (Klabb Kotba Maltin) wieħed jara kemm hija vasta l-kapaċità intellettwali ta' Oliver Friggieri, imma fuq kollox wieħed jinduna li huwa jaf jinqeda b'dik il-kapaċità biex jagħti ħjiel mhux biss ta' l-immaġini iżda wkoll tar-ruħ u tal-qalb fix-xogħlijiet letterarji li hu jindaħal biex jagħmel il-kritika tagħhom.